MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 88/1998/1

**Gregory Grech**

**-vs-**

**Domenico Savio sive Savio u Tessie konjugi Spiteri**

Il-Qorti;

Rat l-Avviz li bih l-attur talab li l-konvenuti jigu kkundannati jhalsuh is-somma ta' erba' mija u hamsin lira Maltin (Lm450) dovuti mill-konvenuti rapprezentanti hlas ghall-konsum ta' kurrent elettriku u ilma fi proprjeta' mikrija lilhom fix-Xlendi, Ghawdex.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja spedita fid-9 ta' Gunju 1998 u ta' l-ittra ufficjali mibghuta f'Awissu

1998 u bl-imghaxijiet dovuti skond il-Ligi sad-data tal-hlas effettiv.

Il-konvenuti mharka ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qed jigu ngunti.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

1. Illi huma qatt ma rcevew kont dwar konsum ta’ dawl u ilma fil-fond in kwestjoni u ghalhekk ma setghux ihalsu kontijiet li ma kienux jafu bihom.

2. illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju l-kontijiet ta’ konsum ta’ dawl u ilma huma kollha f’isem l-attur u mhux f’isem il-konventi.

3. illi inoltre fi kwalunkwe kaz meta l-konvenuti dahlu fil-post ma ttiehdux il-meter readings mill-attur.

4. illi l-attur ghad irid jaghmel il-prova tal-konsum ta’ dawl u ilma allegatament dovuti.

5. illi fit-talba ta’ l-attur m’hemmx indikat il-perjodu ta’ konsum ta’ dawl u ilma allegatament dovuti.

6. illi fil-mertu l-ammont mitlub huwa eccessiv, zbaljat u inkorrett anke minhabba illi hemm inkluz xi arretrati dovuti mill-attur innifsu ta’ perjodu qabel il-konvenuti dahlu fil-fond in kwestjoni.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-imsemmija konvenuti fejn indikaw fiha lista tax-xhieda.

Ezaminat ix-xhieda;

Ezaminat in-nota ta’ osservazzjonijiet ipprezentata mill-attur;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Mill-provi jirrizulta dan il-kwadru tal-fatti:

- illi bi skrittura datata 26 ta’ April 1991 l-attur kera lill-konvenut, Savio Spiteri, zewg appartamenti internament markati numru wiehed u numru erba’ fil-korp bla numru u bla isem fi Triq Omeru, Xlendi, limiti tal-Munxar, ghall-perjodu ta’ hames snin kull wiehed u b’effett mill-1 ta’ Gunju ta’ dik is-sena.

- illi fost kundizzjonijiet ohra tal-kirja kien hemm li “spejjez ta’ kontijiet ta’ dawl, ilma u telephone, jekk applikabbli jithalsu mill-inkwilin”;

- illi fil-lokazzjoni hemm inkluzi l-uzu esklussiv ghall-inkwilin ta’ l-ispazju ta’ quddiem l-appartament numru wiehed u z-zewg kmamar taht it-tarag taht l-appartament numru erbgha;

- illi meta saret il-lokazzjoni kien hemm meter wiehed tad-dawl u ilma li kien iservi l-appartamenti kollha;

- illi hemm tliet appartamenti fil-korp, tnejn, kif intqal, mikrija lill-konvenut, u l-appartament l-iehor mikri lil terz;

- illi inizjalment l-arrangament verbali dwar hlasijiet ta’ konsum ta’ dawl u ilma kien li jithalsu bin-nofs bejn il-konvenut u t-terz, liema arrangament baqa’ applikabbli sa xi zmien wara 1998 meta l-appartamenti gew servuti b’meter ghalihom;

- illi f’dak il-perjodu, ossija s-sena 1997/98, kienu intbaghatu zewg kontijiet li kienu f’ammont bil-ferm aktar gholi minn dawk precedenti li, m’hemmx kontestazzjoni, il-konvenut kien hallas is-sehem dovut minnu lill-attur;

- illi r-raguni ghall-imsemmija kontijiet tirrizulta filli l-kontijiet li ipprecedewhom kienu bazati fuq stima;

- illi l-konvenut irrifjuta li jhallas in-nofs ta' dawn z-zewg kontijiet a bazi tal-ftehim verbali fuq riferit u l-kawza odjerna hija proprju fuq il-pretiz nofs tal-fuq citati kontijiet.

Illi mid-dokumenti esebiti fl-atti hemm folio 17 u 16 iz-zewg kontijiet fuq liema l-attur qieghed jibbaza t-talba tieghu. Iz-zewg kontijiet jirreferu: in kwantu ghal dak folio 17 fl-ammont ta' seba' mija u tliet liri Maltin u zewg centezmi (Lm703.02), li jinkludu erba' liri Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm4.77) arretrati, li jkopri l-perjodu 12 ta' Mejju 1997 sal-25 ta' Novembru 1997; in kwantu ghal dak folio 16 fl-ammont ta' sitt mija u wiehed u tmenin lira Maltin u erba' centezmi (Lm681.04), b'arretrati ta' hames mija u tliet liri Maltin u centezmu (Lm503.01), ghall-perjodu 25 ta' Novembru 1997 sat-18 ta' Marzu 1998. Fuq l-iskorta ta' dawn il-kontijiet l-attur qieghed jippretendi li l-konvenut ihallas erba' mija u hamsin lira Maltin (Lm450).

Issa l-konvenut fil-waqt li jirrikonoxxi l-kirja taz-zewg appartamenti, ma jinnegax, la li l-konsum tad-dawl u ilma ta' l-appartamenti lilu mikrija huma a karigu tieghu, lanqas l-ftehim verbali li l-konsum kellhu jithallas bin-nofs bejnu u l-inkwilin l-iehor. Kemm mix-xhieda tieghu, izda aktar minn nota tal-eccezzjonijiet u d-dikjarazzjoni guramentata tieghu, hu fl-ebda hin ma jghid li xejn m'hu dovut, anzi, u "fil-meritu", stqarr li l-ammont li l-attur talab hu "eccessiv zbaljat u nkorrett minhabba li hemm inkluz xi arretrati dovuti mill-attur innifsu ta' perjodu qabel… dahlu fil-fond in kwistjoni"; li sostanzjalment jirrifletti x-xhieda tieghu 'viva voce'.

Intant huwa assodat li l-appartamenti ma komplewx jigu servuti b'meter uniku wara t-18 ta' Marzu 1998 meta kull appartament gie provdut b'meter separat. Dan ifisser li a bazi tal-ftehim ma' l-attur u l-fatt sottintiz mill-konvenut li xi somma hija minnu dovuta huwa l-prospett minn folio 74 sa 76 li juri l-ammont proprju li huwa dovut. Minn dan ghandu jitnaqqas l-ammont bilancjali li jirrizulta kien dovut qabel l-1 ta' Gunju 1991 meta bdiet il-kirja favur il-konvenut. Minn

kalkoli li ghamlet il-Qorti l-ammont dovut hu ta’ mitejn u disgha u ghoxrin lira Maltin (Lm229).

Ghal dawk li huma spejjez tal-kawza hi l-fehma taghha li ghandhom jigu sopportati fl-intier mill-attur stante illi kien nuqqas tieghu li m’ghamilx il-verifiki opportuni fi zmien propizju u fic-cirkostanzi l-konvenut kellhu ragun ma qabadtx  u jhallas l-ammont li kien qieghed jippretendi l-attur.

Ghaldaqstant taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ mitejn u disgha u ghoxrin lira Maltin (Lm229) bl-ispejjez tal-kawza  a karigu ta’ l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------